

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação de Évora (il-Portugall) fit-23 ta' Settembru 2016 – Luis Isidro Delgado Mendes vs Crédito Agrícola Seguros – Companhia de Seguros de Ramos Reais, SA**

(Kawża C-503/16)

(2016/C 454/33)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal da Relação de Évora

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Luis Isidro Delgado Mendes

Konvenuta: Crédito Agrícola Seguros – Companhia de Seguros de Ramos Reais, SA

**Domanda preliminari**

Fil-każ ta' inċident tat-triq li minnu jirriżultaw danni fizċi u materjali fir-rigward ta' persuna li ttajret intenzjonalment mill-vettura bil-mutur li tagħha kienet proprjetarja, li kienet qed tiġi misjuqa mill-persuna li serqitha, id-dritt Komunitarju, b'mod spċificu l-Artikoli 12(3) u 13(1) tad-Direttiva 2009/103/KE<sup>(1)</sup>, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jipprekludi l-eskużjoni mid-dritt nazzjonali ta' forma ta' kumpens għall-imsemmija persuna li ttajret minħabba l-fatt li l-istess persuna għandha l-kwalità ta' proprjetarja tal-vettura kif ukoll ta' persuna koperta mill-assigurazzjoni tagħha?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação do Porto (il-Portugall) fis-26 ta' Settembru 2016 – José Joaquim Neto de Sousa vs Estado Português**

(Kawża C-506/16)

(2016/C 454/34)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal da Relação do Porto

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: José Joaquim Neto de Sousa

Konvenut: Estado Português

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet tat-Tieni<sup>(1)</sup> u tat-Tielet<sup>(2)</sup> Direttiva dwar l-approssimazzjoni tal-ligġijiet tal-Istati Membri, li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, jipprekludu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiprovvdi l-kumpens tax-xufier responsabbi mill-inċident, għad-danni patrimonjali, fil-każ ta' mewt tal-konjuġi li kien qed jakkumpanjah fil-vettura bħala passiġġier (ara l-Artikolu 7(3) tad-DL 522.85, tal-31 ta' Diċembru, skont ir-redazzjoni mogħtija mid-DL 130/94, tad-19 ta' Mejju)?

<sup>(1)</sup> It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-ligġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjal bi-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3).

<sup>(2)</sup> It-Tielet Direttiva Tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-ligġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjal bi-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249).